MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 32/2002/1

**Patrick Mangion**

**v.**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha) fil-5 ta’ Ottubru tas-sena l-ohra, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent (illum appellant) Patrick Mangion.

**2.** Fir-rikors promotorju tieghu, prezentat fit-30 ta' Ottubru 2002, l-imsemmi Mangion kien fisser li hu kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza datata 27 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Patrick Mangion***, u gie ikkundannat sena prigunerija. Huwa appella minn din is-sentenza u l-appell kien gie appuntat ghas-smigh quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghal nhar il-Hamis 17 ta' Ottubru 2002 fid-disgha ta' filghodu. Mangion kompla fisser li l-gurnata ta' qabel, cioe` fis-16 ta' Ottubru 2002, huwa gie arrestat (in konnessjoni ma' investigazzjoni ta' reati ohra) mill-Ispettur tal-Pulizija Angelo Caruana u sal-ghada, 17 ta' Ottubru, kien ghadu hekk fil-kustodja ta' l-imsemmi ufficjal tal-Pulizija *"…u ma thalliex jattendi ghal dan l-appell avolja l-Pulizija giet infurmata dwaru mir-rikorrent"* [1]. Huwa spjega li, galadarba ma deherx meta kellu jidher, l-appell tieghu gie dikjarat dezert u tilef anke l-garanzija ta' Lm2,000 li huwa kien iffirma ghaliha ghad-dehra tieghu fl-appell, u issa qed jigi mitlub ihallasha. Fit-23 ta' Ottubru 2002 huwa ipprezenta rikors [2] quddiem l-imsemmija Qorti ta' l-Appell Kriminali ghar-riappuntament ta' l-appell, izda dik il-Qorti cahdet l-imsemmija talba peress li kienu ghaddew l-erbat ijiem stabbiliti fl-Artikolu 422(1) [3] tal-Kodici Kriminali u anqas ma kien dak ir-rikors akkumpanjat mid-dikjarazzjoni mahlufa kif rikjest bl-imsemmija disposizzjoni. Mangion jallega – dejjem fir-rikors promotorju ta' din il-kawza – li huwa *"ma kellux rajh f'idejh"* stante li kien qed jinzamm

[1] Kif ser naraw, l-imsemmi Mangion biddel din il-versjoni meta huwa xehed quddiem il-Prim Awla; u fir-rikors ta' appell tieghu rega' argina l-kwistjoni ghal punt ta' dritt partikolari wiehed.

[2] F'dana r-rikors – li kopja tieghu tinsab ezibita a fol. 9 ta' l-atti – ir-rikorrent rega' tenna li huwa kien gie impedut mill-Pulizija milli jattendi, li allura jfisser li huwa <u>ried jattendi u konsegwentement kien jaf bid-data tas-smigh tas-17 ta' Ottubru 2002</u>. In fatti f'dan ir-rikors tat-23 ta' Ottubru 2002 huwa jghid testwalment hekk: "Illi dakinhar l-esponent kien fil-kustodja tal-Pulizija, senjatament l-Ispettur Anglu Caruana, u ma thalliex jattendi ghal dan l-appell."

[3] L-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali fiz-zmien relevanti ghal dan il-kaz kien jipprovdi hekk: **"Jekk, fil-jum tas-smigh ta' l-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghad dezert u s-sentenza appellata tigi ezegwita; imma fuq rikors ta' l-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh ta' l-appell, u, f'dan il-kaz ighoddu d-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan."**

taht kustodja tal-Pulizija u, wara li tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta' Ottubru 2002 mill-Ispettur Caruana (akkuzat b'reat jew reati ohra u ma nghatax *bail*) kien taht kustodja fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Huwa ghalhekk ikkontenda illi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 422 msemmi fic-cirkostanzi tal-kaz tieghu *"…ikkreat ingustizzja, pregudizzju u telf ta' drittijiet, u ghalhekk tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, kif ukoll ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem."* Huwa jallega wkoll li dawn iz-zewg disposizzjonijiet – cioe` tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni – huma lezi wkoll minhabba l-fatt li *"…l-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali ma jipprovdix ghal ebda eccezzjoni, deroga jew diskrezzjoni biex il-kaz tar-rikorrent, li kien hu ghadu impedut milli jezercita d-dritt ghal-liberta`, ma jwassalx ghall-imsemmija konsegwenzi drastici li r-rikorrent sab ruhhu fihom in vista ta' l-impossibilita` … li jipprezenta ruhhu quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali dakinhar tas-smigh ta' l-appell u … li jipprezenta ruhhu fir-Registru ta' l-istess Onorabbli Qorti fi zmien erbat ijiem sabiex jaghmel id-dikjarazzjoni mehtiega mill-Artikolu 422 tal-Kap. 9…"*. Premess dan kollu, Patrick Mangion talab lill-Qorti ta' prim istanza sabiex din taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni aktar 'l fuq imsemmija billi *"…(a) tordna li l-esponent jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel is-17 ta' Ottubru 2002 u tirriappunta l-appell tieghu ghas smigh, (b) thassar u tannulla d-digriet ta' dezerzjoni moghti fis-17 ta' Ottubru 2002, (c) thassar u tannula l-ordni dwar il-hlas tas-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) bhala garanzija bi plegg ghad-dehra ta' l-imputat, kif ukoll (d) thassar u tannulla d-digriet moghti fis-27 ta' Ottubru 2002 li bih giet michuda t-talba tieghu biex l-appell jerga' jitqieghed fuq il-lista sabiex jinstema' u jigi deciz."*

**3.** L-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija wiegbu billi talbu li t-talbiet tar-rikorrent Mangion jigu michuda ghar-ragunijiet migjuba fir-risposta taghhom tad-

19 ta’ Novembru 2002. Huma bazikament jghidu li Mangion kellu rimedju semplici, ordinarju w effettiv ghall-fatt li l-appell tieghu gie dikjarat dezert, u cioe` li jipprezenta rikors kif kontemplat fl-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9, izda, minhabba negligenza grossolana tieghu stess, hu naqas milli jipprevalixxi ruhu minn dan ir-rimedju. Huma komplew jghidu li *“Fl-ebda mument, kif ser jigi ippruvat, ma r-rikorrent informa lill-Ispettur Caruana li kellu jkun hemm is-smigh ta’ l-appell tieghu nhar is-17 ta’ Ottubru 2002”* u li *“Dan hu kaz semplici ta’ rikorrent li mhux qed ighid il-verita` u minhabba l-konsewgenzi gravi tan-nonkuranza tieghu li jhares l-interessi tieghu jrid jabbuza l-proceduri kostituzzjonali biex jissana l-mankanzi tieghu.”*

## Is-sentenza appellata

**4.** Kif inghad, fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Ottubru 2005 il-Prim Awla cahdet it-talbiet kollha ta’ Patrick Mangion, u dan wara li ikkunsidrat is-segwenti:

“Illi r-rikorrent appella minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta’ Gunju 2002 fil-konfront tieghu, fejn kien gie kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sena. L-appell gie appuntant ghas-17 ta’ Ottubru 2002 fid-9.00 pm.

“Illi fis-16 ta’ Ottubru 2002, gurnata qabel is-smigh tal-appell tieghu, ir-rikorrent kien gie arrestat mill-pulizija, u senjatament mill-Ispettur Angelo Caruana u fis-17 ta’ Ottubru, ghal habta tal-11.00 am ir-rikorrent, li kien patrocinat minn Avukat, kien tressq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati mixli b’ reat iehor.

“Illi jirrizulta li dak in-nhar fis-17 ta’ Ottubru 2002, meta r-rikorrent kien ghadu mizmum taht arrest, dana naqas li jidher ghas-smigh tal-appell tieghu, nonostante li kien gie msejjah kemm fid-9.05 am kif ukoll fl-10.00 am sabiex jidher. Rizultat ta’ dan, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali iddikjarat l-appell tar-rikorrent dezert bil-konsegwenza li l-piena ta’ sena prigunerija ghaddiet in gudikat, u fil-konfront tal-istess rikorrent gie attivat l-obbligu li jhallas lill-Gvern ta’ Malta s-somma ta’ Lm2,000

stante li "ghalkemm debitament notifikat inqast li tidher ghas-seduta."[4]

"Illi sussegwentement fit-23 ta' Ottubru 2002 ir-rikorrent permezz tal-Avukat tieghu, pprezenta rikors[5] quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn, wara li ppremetta li fil-gurnata tas-smiegh ta' l-appell tieghu huwa "kien fil-kustodja tal-pulizija, senjatament l-Ispettur Anglu Caruana u ma thalliex jattendi ghal dan l-appell", talab li l-appell tieghu jerga' jitqieghed fuq il-lista sabiex jintema' u jigi deciz.

"Illi din it-talba tieghu giet michuda f'dawn it-termini *'Peress li dan ir-rikors ma giex prezentat fiz-zmien li taghti l-ligi, u lanqas ma gie akkumpanjat minn dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-Registratur'*.[6]

"Illi, ghalkemm fir-rikors promotur ir-rikorrent sostna li huwa "<u>ma thalliex jattendi</u> ghal dan l-appell avolja l-pulizija giet informata dwaru mir-rikorrent"[7], fix-xhieda tieghu r-rikorrent iddipartixxa minn din il-versjoni tal-fatti, u sostna li huwa ma kienx gie notifikat bil-gurnata tas-smigh. Infatti fid-deposizzjoni jammetti li huwa kien gideb u kien gideb ukoll lill-Avukat tieghu, u sostna li huwa ma kienx jaf bid-data tas-smiegh u sar jaf biha mill-ufficjali tal-habs dakinhar stess wara li l-appell mar dezert.

"Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens li l-applikazzjoni tal-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali "fic-cirkostanzi tal-kaz ikkreat ingustizzja, pregudizzju u telf ta' drittijiet" in vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea [Kap.319]. Vjolazzjoni tal-istess drittijiet tirrizulta wkoll minn dak sostnut minnu li l-imsemmi artikolu tal-ligi "ma jipprovdix ghal ebda eccezzjoni, deroga jew deskrizzjoni …. ma jwassalx ghall-konsegwenzi drastici li sab ruhu fihom ir-rikorrent.."[8]

---

[4] Dok.C – Ittra Assistant Registratur ta' din l-Onor.Qorti – fol. 8.
[5] Dok.D - fol. 9.
[6] Fol. 10.
[7] Fol. 2 – sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Fol. 3.

"Illi l-imsemmi Artikolu 422, wara li jiddisponi li fil-kaz li l-appellant ma jidhirx fil-jum tas-smiegh ta' l-appell, l-appell tieghu jinghadd dezert, jaghti s-segwenti rimedju "imma fuq rikors ta' l-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smiegh ta' l-appell.."[9]

"Minn dan johrog car li l-ligi taghti rimedju sabiex l-apellant jista' jissana l-posizzjoni tieghu billi jipprezenta rikors fi zmien erbat ijem flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa li l-assenza tieghu kienet dovuta ghal mard jew 'ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu'.

"Illi fil-meritu r-rikorrent spjega li meta huwa sar jaf bid-digriet ta' dezerzjoni huwa pprova jikkomunika mal-Avukat tieghu u rnexxielu jikkuntatjah proprju fil-23 ta' Ottubru 2002, meta kien lahaq skada t-terminu ta' erbat ijiem. Di fatti t-talba kienet giet rifjutata mill-Qorti stante li r-rikors kien gie pprezentat *fuori termine*, u wkoll peress li ma kienx akkumpjanat bid-dikjarazzjoni mahlufa kif jesigi l-artikolu in disamina.

"In propositu hija relevanti x-xhieda ta' PS 1211 Richard Zammit fejn qal fis-17 ta' Ottubru 2002, xi kwarta wara li r-rikorrent kien iddahhal il-habs [stante li l-Qorti tal-Magistrati ma kienitx akkordatlu l-helsien mill-arrest preventiv], huwa kien irceva telefonata mir-Registratur tal-Qorti Kriminali li dak in-nhar l-appell tar-rikorrent kien mar dezert peress li ma kien deher ghas-smiegh. L-istess xhud jghid li huwa baghat ghar-rikorrent u staqsieh kienx jaf li kellu l-appell dakinhar. Ir-rikorrent irrispondih fl-affirmattiv, u sostna li ma telghax il-Qorti minhabba l-Ispettur Anglu Caruana. Ix-xhud ikompli jghid: "Wara ftit informajt wkoll lil Patrick Mangion li ghandu erbat ijiem

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti

cans biex jaghmel rikors fir-Registru tal-Qorti Kriminali fejn jghid ir-raguni ghaliex ma telghax dak in-nhar il-Qorti."[10]

"Illi minn naha tieghu l-Ispettur Anglu Caruana fid-depozizzjoni tieghu cahad l-allegazzjoni tar-rikorrent fil-konfront tieghu, u zied jghid li kieku kien jaf li r-rikorrent kellu l-appell dakinhar tal-prezentata tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ma kien hemm xejn x'josta li jakkompanjah quddiem il-Qorti Kriminali [recte: Qorti ta' l-Appell Kriminali].

"F'dan l-istadju huwa opportun li jigi osservat li l-Qorti tikkonsidera attendibbli l-versjoni tal-fatti kif esposti mill-Ispettur Angelo Caruana kif ukoll mix-xhieda ta' PS 1211 Richard Zammit; u dan b' kuntrast mar-rikorrent li wera li hu bniedem inaffidabbli u li minghajr skruplu jimmanipula l-fatti b'tentattiv li jpingi stampa ta' sitwazzjoni li ma tikkorrispondix mal-verita` bl-isperanza li jottjeni vantagg ghalih. Di fatti dana *ex admissis* gideb lill-ufficjali tal-habs kif ukoll lill-Avukat tieghu meta allega li ma thalliex jattendi ghas-smigh ta' l-appell mill-Ispettur Angelo Caruana; u kien indifferenti ghall-konsegwenzi li allegazzjoni bhal din seta' kellha fuq l-imsemmi Spettur. Anke mix-xiehda tal-Ispettur Jeffrey Azzopardi timmanifesta ruhha l-attitudini ta' manipulazzjoni da parti tar-rikorrent bi sforz li jeludi l-gustizzja kriminali.

"Illi tenut kont tas-sottomissjonijiet maghmula mir-rikorrent, kemm fir-rikors promotorju kif ukoll fit-trattazzjoni tieghu, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi r-rikorrent jghid li huwa ma pprezentax ir-rikors fiz-zmien stipulat mill-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali ghax "ma kellux rajh f' idejh" peress li kien qed jinzamm fil-kustodja gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Huwa jinvoka l-massima legali "*ad impossibilia nemo tenetur*."

"In propositu l-Qorti tosserva li l-fatt li r-rikorrent kien mizmum taht arrest kemm fil-gurnata tas-smigh ta' l-appell kif ukoll matul il-perijodu sussegwenti ta' erbat ijiem, ma

[10] Fol.38

kien ta’ ebda ostakolu ghall-esercizzju tad-drittijiet tieghu that l-imsemmi artikolu. Mill-provi jirrizulta li [a] kieku r-rikorrent informa lill-Ispettur Anglu Caruana li dak in-nhar tal-prezentata huwa kellu l-appell tieghu, dana kien jassigura li r-rikorrent jidher ghas-smiegh ta’ l-appell; *multo magis* meta dakinhar stess, *albeit* aktar tard, r-rikorrent kien ser jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati; [b] illi dakinhar stess, meta rritorna lura l-habs, huwa kien gie informat minn PS 1211 Richard Zammit li l-appell tieghu kien mar dezert, u li allura kellu erbat ijiem sabiex jipprezenta r-rikors kontemplat fl-istess Artikolu. Din kienet gurnata tal-Hamis. Izda nonostante li r-rikorrent allura kien jaf li kellu erbat ijiem sabiex jissana l-posizzjoni tieghu, dana halla l-perijodu jghaddi, u kien biss fis-sitt jum li, permezz tal-Avukat tieghu ipprezenta r-rikors opportun, izda monk fil-ligi, stante li ma’ ipprezentax kontestwalment id-dikjarazzjoni mahlufa kif jesigi l-artikolu precitat.

“Il-Qorti tosserva li mhux talli r-rikorrent li kien taht il-kustodja tal-pulizija seta’ jesercita d-drittijiet tieghu emanenti mill-Artikolu 422, izda sahansitra ufficjal tal-habs kien informah bid-dritt tieghu li jipprezenta rikors rimedjali. Il-fatt li r-rikorrent baqa’ passiv u halla l-perijodu jiskadi – *imputet sibi*, u ma jista’ jwahhal f’hadd hlief fih innifsu.

“Il-Qorti tosserva ulterjorment li jekk verament ir-rikorrent ipprova inutilment jikkomunika mal-Avukat tieghu, huwa kellu rimedji ohrajn; izda zgur ma kienx gustifikat li jhalli t-terminu jiskadi nutilment. Barra minnhekk, jigi rilevat li, ghalkemm fir-rikors promotorju huwa iddikjara li ma rnexxielux jirrintraccja lill-Avukat qabel it-23 ta’ Ottubru 2002, ma hemm ebda accenn ghal dan il-fatt fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Inoltre mill-provi ma rrizultax li d-difensur tieghu f’dak iz-zmien kien imsiefer.

“Jigi osservat ukoll, in propositu, li fid-digriet li bih giet michuda t-talba tieghu ghar-riappuntament tal-appell, gie specifikat li t-talba kienet qeda tigi michuda wkoll minhabba li ma gietx prezentata d-dikjarazzjoni mahlufa kif rikjest mill-imsmemmi artikolu; mankanza din li ghaliha ma nghatat ebda spjegazzjoni mir-rikorrent.

“Mill-premess jirrizulta car li s-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha r-rikorrent kienet dovuta mhux minhabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 422, izda minhabba n-nuqqas da parti tieghu li jinforma lill-pulizija bid-data tal-appell, u b’ aktar qawwa, in-nuqqas tieghu li jaderixxi mat-termini tal-istess artikolu. Dawn in-nuqqasijiet da parti tar-rikorrent kienu dovuti mhux minhabba xi cirkostanzi li huwa ma kellux kontroll fuqhom, kif qed isostni hu, izda ghan-nonkuranza tieghu u negligenza grossolona tieghu.

“Illi rigward is-sottomissjoni tar-rikorrent indikata that il-partita [2] fir-rikors promotorju, il-Qorti tosserva li, ghal kuntrarju ta’ dak sostnut minnu, l-Artikolu 422 jghati rimedju ghal min jonqos li jidher ghar-ragunijiet indipendenti mill-volonta` tieghu. Dan ir-rimedju huwa necessarjament, minhabba l-istabilita` u c-certezza tal-gudizzju, limitat b’terminu; liema terminu ma giex osservat mir-rikorrent, <u>mhux minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom</u>, izda minhabba non-kuranza da parti tieghu li halla l-perijodu jghaddi inutilment u dan meta l-ufficjal tal-habs <u>dak in-nhar</u> stess fis-17 ta’ Ottubru gibdilu l-attenzjoni ghal dan id-dritt kontemplat fl-imsemmi artikolu.

“Dan premess u ikkunsidrat, il-Qorti ma tirravisax ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif pretiz minnu fir-rikors tieghu, izda tirravvisa nuqqas tal-istess rikorrent li jsegwi d-dettami tal-ligi dovut ghal non-kuranza u traskuragni tieghu. Ghaldaqstant it-talbiet tieghu mhumiex gustifikati u qed jigu respinti.”

## L-appell tar-rikorrent

**5.** Patrick Mangion appella minn din is-sentenza (u talab ir-revoka taghha u l-akkoljiment tat-talbiet tieghu kif originarjament proposti fir-rikors promotorju) permezz ta’ rikors datat 12 ta’ Ottubru 2005 [11]. L-aggravju tieghu huwa wiehed u cioe` li l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata li

[11] Fol. 75 ta’ l-atti.

tasal ghall-konkluzjoni li kienet waslet ghaliha – cioe` li ma kien hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu – u dan bazikament peress li huwa kien, bejn is-17 ta' Ottubru 2002 sa erbat ijiem wara, fl-impossibilita` li jottempera ruhu mal-ligi – huwa juza l-espressjoni *"ma kellux rajh f'idejh"* – b'tali mod li l-applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali kienet, fil-kaz partkolari tieghu, tohloq *"a disproportionate hindrance"* ghad-dritt ta' access li huwa ghandu jkollu ghall-qrati u ghad-dritt li ma jkunx arrestat bi ksur tal-ligi. L-appellant jissintetizza l-gravam tieghu fl-ahhar paragrafu ta' pagna 7 tar-rikors ta' appell tieghu, fejn ighid hekk:

**"Il-punt legali huwa car: ir-rikorrent kemm fis-16 u 17 ta' Ottubru (lejliet u fil-jum meta kellu jinstema' l-appell) kif ukoll fl-erbat ijiem sussegwenti kien arrestat mill-pulizija wara kien maqful il-habs, u allura ma kellux rajh f'idejh. Ghalhekk ma jistax jerfa' r-responsabbilta` legali (a) ghan-nuqqas tad-dehra tieghu fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-jum tal-Hamis 17 ta' Ottubru 2002; (b) ghan-nuqqas ta' attendenza fir-Registru Kriminali fit-terminu perentorju ta' erbat ijiem (mill-Gimgha sat-Tnejn) – ghax ma kellux rajh f'idejh. L-inattendibilita` tar-rikorrent, kif qed jigi impostat dan l-appell, hija ghal kollox irrelevanti."**

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**6.** Jibda biex jinghad li fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jippremetti [12] li huwa qed jipprexxindi mill-kwistjoni ta' liema hija l-versjoni vera ossia korretta tal-fatti, u cioe` jekk hux dik li huwa kien qal lill-iSpettur li kellu s-smigh ta' l-appell u l-iSpettur ma ghamel xejn, jew dik li huwa ma kienx qallu lill-imsemmi Spettur (ghax kien ghadu ma jafx li fil-fatt kellu s-smigh ta' l-appell). Fi kliem l-appellant stess fl-imsemmi rikors: *"Ir-rikorrent qed jaghmel hekk sabiex jillimita l-appell tieghu ghal punt ta' dritt u jelimina kull xorta ta' kontestazzjoni dwar il-fatti ghall-finijiet ta' dan l-appell tieghu mis-sentenza tal-5 ta'*

[12] Ara pagna 3 tar-rikors ta' appell.

*Ottubru 2005."* B'din il-limititazzjoni jigi ghalhekk li qed titwarrab ukoll l-allegazzjoni ta' l-appellant – maghmula l-ewwel darba fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Prim Awla u li hija inkonsistenti ma' dak allegat fir-rikors promotorju – li hu ma kienx gie notifikat bl-avviz tas-smigh ta' l-appell u li ghalhekk hu sar jaf, presumibbilment, bid-data tas-smigh tas-17 ta' Ottubru 2002 biss meta gie hekk infurmat aktar tard fl-istess jum mill-ufficjali tal-habs (ara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, *supra*). Effettivament, kieku huwa ma kienx gie notifikat skond il-ligi bid-data tas-smigh ta' l-appell u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali xorta wahda – u allura erroneament – iddikjarat l-appell dezert, ir-rimedju li huwa kellu kien li jipprezenta rikors mhux taht l-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali izda rikors generali[13], fejn jigbed l-attenzjoni ta' dik il-Qorti ghall-fatt li ma kienx gie notifikat skond il-ligi u li ghalkekk ma kienx applikabbli d-dispost dwar id-dezerzjoni fl-imsemmi subartikolu, u jitlob ir-riappuntament mill-gdid ta' l-appell. Mangion qatt ma ipprezenta rikors simili – ir-rikors tat-23 ta' Ottubru 2002 (fol. 9), apparti li fih jallega li hu "ma thalliex jattendi ghal dan l-appell" mill-Pulizija li fil-kustodja taghhom huwa kien jinsab (allegazzjoni li neccessarjament timplika li kien jaf bid-data tas-smigh, izda l-Pulizija ossia l-iSpettur Caruana hekk impedih), ma jallega ebda nuqqas ta' notifika skond il-ligi, u kien rikors kjarament intiz biex juri li hu ma attendix quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali "minhabba raguni…indipendenti mill-volonta` tieghu" kif mifhum fl-Artikolu 422(1) imsemmi. Dan qed jigi precizat minn din il-Qorti ghax, minkejja dik li l-appellant isejjah "limitazzjoni" tal-kwistjoni ghal punt ta' dritt u mhux ghal xi kwistjonijiet ta' fatt, huwa f'hin minnhom[14] jerga' jaccenna ghall-kwistjoni tan-notifika meta jghid f'zewg sentenzi: *"Hemm alternattiva ohra, dik cioe` li n-notifika dwar is-smigh ta' l-appell ma waslitx ghand ir-rikorrent. Jekk kien hekk, allura m'ghandux htija."* Din il-Qorti ttenni li "jekk kien hekk" ir-rimedju kien rikors generali kif aktar 'l fuq imfisser, b'mod ghalhekk li ma jidhol bl-ebda mod fix-xena l-Artikolu 422(1) li l-applikazzjoni tieghu fil-kaz in dizamina qed jinghad (kemm fir-rikors promotorju kif ukoll fir-rikors ta' appell) li illediet id-drittijiet fondamentali tieghu.

---

[13] Li allura ma jkunx marbut bl-erbat ijiem.

[14] Ara t-tielet paragrafu a fol. 5 tar-rikors ta' appell.

**7.** L-Artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament li r-rikorrent appellant qed jinvoka jirrigwardaw id-dritt ghall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja. Presumibbilment l-appellant invoka dawk iz-zewg artikoli peress illi jikkontendi li ghalkemm kien hemm sentenza ta’ Qorti kompetenti – il-Qorti tal-Magistrati – li sabitu hati skond il-ligi ta’ reat [15] u ikkundannatu sena prigunerija, in-“nuqqas procedurali” li qed jirravviza fl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 igib nuqqas ta’ “procedura preskritta bil-ligi” ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 5(1) u nuqqas ta’ “awtorizzazzjoni b’ligi” ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 34(1). Mill-banda l-ohra, l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, ukoll invokati mill-appellant, jirreferu b’mod generali ghad-dritt ta’ smigh xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti, liema dritt jinkludi d-<u>dritt ta’ access effettiv</u> ghal qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti. In fatti, kif gie ritenut fir-rigward ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

**“The Court recalls that Article 6 para 1 embodies the ‘right to a court’, of which the right of access, that is, the right to institute proceedings before a court in civil matters, constitutes one aspect. However this right is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State. In this respect, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation, although the final decision as to the observance of the Convention’s requirements rests with the Court. It must be satisfied that the limitations applied do not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between**

[15] U ghalhekk l-arrest u d-detenzjoni tieghu, ossia z-zamma tieghu fil-habs biex jiskonta s-sena prigunerija, taqa’ *prima facie* taht l-eccezzjonijiet kontemplati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

**the means employed and the aim sought to be achieved…”** [16]

**8.** Dawn il-principji japplikaw ukoll f’kazijiet meta l-ligi domestika, bhal fil-kaz ta’ l-appellant Mangion, taghti dritt ta’ appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tkun sabet lil dak li jkun hati ta’ reat: dak id-dritt ta’ appell (f’dan il-kaz lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali), ghalkemm jista’ jkun regolat u ristrett, ma jistax ikun regolat u ristrett b’tali mod li jgib fix-xejn id-dritt innifsu, u l-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet irid ikollhom ghan legittimu u jkun hemm proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jkun irid jintlahaq. Ta min josserva f’dan ir-rigward li anke l-Artikolu 2 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni – li l-appellant Mangion b’ebda mod ma hu qed jinvokah, minkejja li kien applikabbli f’Ottubru tal-2002 [17] – li jipprovdi ghad-dritt ta’ appell f’materja kriminali, jghid testwalment li *“L-ezercizzju ta’ dan id-dritt, inkluzi r-ragunijiet abbazi ta’ dak l-ezercizzju* [18]*, ghandhom ikunu regolati bil-ligi.”*

**9.** Din il-Qorti tifhem li huwa f’dan is-sens u cioe` li d-dritt ta’ access ghall-Qorti ta’ l-Appell Kriminali m’ghandux jigi regolat u/jew ristrett b’tali mod li jgib fix-xejn dak l-istess dritt, u li jkun hemm element ta’ proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jrid jintlahaq, li l-appellant qed jilmenta li fil-kaz *de quo*, bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 422(1), inholqot “a disproportionate hindrance” ghalih.

**10.** Issa ma hemmx dubju, fil-fehma ta’ din il-Qorti, li l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 ghandu ghan legittimu – u cioe` li ma jhallix sospizi u inezegwibbli sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) meta l-appellant jonqos milli jidher ghas-smigh ta’ l-appell f’cirkostanzi meta huwa seta’ hekk jidher – fi kliem iehor, huwa ma jkunx deher minhabba xi nuqqas attribwibbli lilu,

---

[16] ***Stubbings v. United Kingdom*** (1996) 23 EHRR 213, para. 50. Ara wkoll Harris D. J., O,Boyle M. u Warbrick C. **Law of the European Convention on Human Rights** Butterworths (London) 1995, pagni 196 sa 202. F’pagna 201 in partikolari, jinghad hekk: *“The right of access may be restricted in criminal, as well as non-criminal cases.”*

[17] Ara l-Artikolu 7 tal-Kap. 319.

[18] Traduzzjoni, fil-fehma ta’ din il-Qorti infelici, ta’ l-espressjoni bl-ingliz “…including the grounds on which it may be exercised…”.

u mhux "minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu". Sinjifikant hija l-espressjoni "hu ma setax jidher" [19] fl-imsemmija disposizzjoni, u mhux semplicement "hu ma deherx". Jekk seta' jidher, izda naqas milli jaghmel hekk, allura l-ligi tipprovdi li l-appell imur dezert. Anqas ma jista' jinghad li hemm xi sproporzjon bejn il-mezz adoperat – id-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni u l-ezegwibilita` immedjata tas-sentenza – u l-ghan li jrid jintlahaq, cioe` li s-sentenzi ma jibqghux sospizi fil-limbu, u dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li, f'kaz li jkun hemm raguni valida ghala wiehed ma setax jidher (cioe` mard jew raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu) huwa jista' jgib dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti fi zmien erbat ijiem u jwettaq dak li jallega bil-gurament tieghu.

**11.** Hekk ukoll ma jistax jinghad li fil-kaz ta' l-appellant odjern huwa gie b'xi mod impedut – u ghalhekk mizmum kontra l-volonta` tieghu – milli jattendi ghas-smigh ta' l-appell fis-17 ta' Ottubru 2002. Is-semplici fatt li kien detenut l-ewwel fil-kustodja tal-Pulizija u wara fil-habs in konnessjoni ma' proceduri ohra – fi kliem l-appellant, "ma kellux rajh f'idejh" – ma jfissirx necessarjament li huwa kien gie impedut milli jattendi l-Qorti. Altrimenti wiehed jasal ghall-konkluzjoni – assurda fil-fehma ta' din il-Qorti – li kull min hu detenut il-habs "awaiting trial" jew ikun detenut mill-Pulizija ghall-finijiet ta' investigazzjoni, qed jigi ipprivat mid-dritt ta' access tieghu ghall-qrati. . Wiehed, s'intendi, irid jara c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Jirrizulta mill-provi li l-appellant Mangion naqas milli jinforma lill-Ispettur Caruana li huwa kellu l-appell fis-17 ta' Ottubru fid-9.00 a.m., u ma hemm xejn fil-provi li jindikaw li huwa (cioe` Mangion) kien taht pressjoni mentali tali (kif allegat fir-rikors ta' appell) li, bhal speci, dan kien mitluf kompletament minn sensieh. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni li kieku l-appellant informa lill-iSpettur li kellu l-appell u dan naqas milli jiehu l-passi kollha mehtiega biex iwassal lill-appellant fil-hin il-qorti. Din il-Qorti hi wkoll sodisfatta mill-provi li kieku Mangion informa lill-iSpettur Caruana bl-appell li kellu, l-imsemmi ufficjal tal-Pulizija

[19] "…was…unable to attend…" fit-test ingliz, u mhux semplicement "did not attend".

kien effettivament jassigura li l-appellant jitfacca fil-hin quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Wara li gie infurmat (fis-17 ta' Ottubru 2002 stess) li l-appell tieghu kien gie dikjarat dezert u li huwa kellu erbat ijiem zmien biex jaghmel ir-rikors ghar-riappuntament – u f'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li strettament l-ufficjal tal-habs, PS Zammit, anqas kien obbligat li hekk jinfurmah – l-appellant naqas milli jinforma lill-avukat tieghu entro dan it-terminu ta' erbat ijiem – terminu li din il-Qorti tqis li huwa wiehed ragjonevoli proprju sabiex ma jkunx hemm instabilita` u incertezza fl-ezekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati. Huwa veru li l-appellant ma kellux il-liberta` li joqghod imur jigri wara l-avukat tieghu – u dan ghax kien detenut il-habs fuq ordni tal-Qorti tal-Magistrati – izda mill-provi ma hemm xejn x'jindika li huwa gie b'xi mod, imqar minimament, impedut milli jipprova jikkomunika telefonikament ma' l-avukat li kien qed jidhirlu f'dak l-appell, jew, jekk ghal xi raguni ma setax jikkomunika ma' dak l-avukat entro t-terminu ta' erbat ijiem, ma xi avukat iehor; jew li gie impedut milli jitlob u jkollu l-assistenza ta' avukat; jew li talab li jmur il-Qorti, ovvjament taht skorta, sabiex jahlef il-gurament akkompanjanti r-rikors, u ma thalliex jaghmel hekk. A propositu ta' dak li l-appellant jghid fil-paragrafu tar-rikors ta' appell citat fil-paragrafu **5** ta' din is-sentenza, u cioe` li hu *"…ma jistax jerfa' r-responsabbilta` legali…(b) ghan-nuqqas ta' attendenza fir-Registru Kriminali fit-terminu perentorju ta' erbat ijiem…"* jigi rilevat li l-Artikolu 422(1) ma jirrikjedix li r-rikorrent necessarjament jidher il-Qorti – kulma hu mehtieg hu li d-dikjarazzjoni tigi mahlufa quddiem ir-registratur u, fil-prassi tal-qrati – fatt, dan, li din il-Qorti tista' tiehu "judicial notice" tieghu – mhix l-ewwel darba li rikorrent li jkun irid jaghmel rikors ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 422(1) minhabba mard li jkun ghadu jippersisti matul dawk l-erbat ijiem, jaghmel arrangament biex ir-registratur imur fejn ikun ir-rikorrent id-dar jew l-isptar. S'intendi, huma koncepibbli cirkostanzi straordinarji fejn anke wara d-dekors tal-erbat ijiem ikun hemm lok li rikors ghar-riappuntament ta' appell li jkun mar dezert jintlaqa' – hekk, per ezempju, jekk waqt li persuna tkun sejra ghall-appell tkun involuta f'incident u tibqa' f'koma ghal aktar minn erbat ijiem, wiehed ma jistax jimmagina li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali sejra ma tilqax it-

talba ghar-riappuntament semplicement ghax ikunu ghaddew l-erbat ijiem! Fil-kaz in dizamina, izda, kollox jindika, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li dak li gara semplicement dovut ghat-traskuragni ripetuta ta’ l-appellant. Minkejja l-inkarcerazzjoni tieghu, huwa kellu rimedju prattiku u effettiv ghad-dikjarazzjoni ta’ dezerzjoni ta’ l-appell (assumendo, dejjem, li hu kien verament gie b’xi mod impedut, kif allega, milli jattendi fis-17 ta’ Ottubru 2002 quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali). L-iStat, permezz ta’ l-Artikolu 422(1), u l-ufficjali tieghu, bl-agir taghhom, b’ebda mod ma cahhduh mid-dritt tieghu ta’ access ghall-Qorti – il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali; kien l-istess appellant li ittraskura u, wara li induna bil-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tieghu, qieghed issa jipprova jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali.

**12.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti ma tara li hemm xejn x’ticcensura fis-sentenza appellata; konsegwentement, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------